Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,120, 18 ta' Jannar, 2019
Taqsima B

A.L. 8 tal-2019

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2019 li jemenda l-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, skop u dħul fis-seħħ.

Kap. 467.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2019 li jemenda l-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Att".

(2) L-iskop ta' dan l-ordni hu li jittrasponi fl-Att, ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 tat-13 ta' Lulju 2018 li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum wara dak li fih tasal għand is-Segretarjat tal-Kunsill, l-aħħar notifika mill-Istati Membri dwar il-kompletar tal-proċeduri rispettivi tagħhom għall-approvazzjoni:

Iżda l-Att kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjonijiet pendenti.

Jemenda l-artikolu 7 tal-Att.

2. L-artikolu 7 tal-Att għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet attwali tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikolu (1);

(b) is-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew bħala rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni għandha titmexxa skont il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali permezz ta' vot singlu trasferibbli, b'kull votant ikollu wieħed minn tali voti.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) L-elezzjonijiet għandhom ikunu b'vot dirett u universali u għandhom ikunu liberi u sigrieti.".

Jemenda l-artikolu 17 tal-Att.

3. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 17 tal-Att għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Sabiex tiġi żgurata l-osservanza tas-subartikolu (1), il-Kummissjoni Elettorali għandha, sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel l-ewwel ġurnata tal-perijodu elettorali, tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini, dwar kwalunkwe persuna mniżżla fir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea li għażlet li tivvota f'Malta:

Iżda il-Kummissjoni Elettorali għandha taġixxi skont il-liġi tal-Unjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali.".

Jemenda l-artikolu 20 tal-Att.

4. Fl-artikolu 20 tal-Att, minnufih wara s-subartikolu (5), għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-kandidaturi għall-elezzjoni għandha tkun għallinqas tliet ġimgħat qabel id-data stabbilita għaż-żamma tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.".